# MALTA

**ATT Nru. IV ta' l-1994**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.**

**ACT No. IV of 1994**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Criminal Code, Cap. 9.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

11 ta' Frar, 1994

**ATT Nru. IV ta' l-1994**

*ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att għandhom jibdew fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** Minflok il-paragrafu (g) ta' l-artikolu 87 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 87 tal-liġi prinċipali.

"(ġ) jekk id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna.".

**3.** Minflok is-subartikoli (2), (3), (4) u (5) ta' l-artikolu 197 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 197 tal-liġi prinċipali.

"ta' mara miżżewġa jew ta' raġel miżżewweġ taħt l-età, jew ta' minuri, mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur.

(2) L-istess piena tingħata lir-raġel jew lill-mara jew lit-tutur illi, bi vjolenza jew b'theddid, iġiegħel jew iġġiegħel, jew, bil-qerq, iħajjar jew tħajjar għall-prostituzzjoni lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha, li jkunu taħt l-età, jew lill-minuri li tiegħu jkollu jew ikollha t-tutela.

ta' dixxendent jew mara miżżewġa jew raġel miżżewweġ, ta' l-età, minn axxendent jew mir-raġel jew mill-mara.

(3) L-axxendent jew ir-raġel jew il-mara illi, bi vjolenza jew b'theddid, iġiegħel jew iġġiegħel, jew, bil-qerq iħajjar jew tħajjar għall-prostituzzjoni lid-dixxendent jew lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha, li jkunu ta' l-età, jeħel jew teħel, meta jinsabu ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

Kon-segwenzi tal-kundanna.

(4) Il-kundanna taħt dan l-artikolu ġġib it-telfa ta' kull awtorità u ta' kull jedd mogħtija lill-ħati fuq il-persuna jew il-beni tar-raġel jew tal-mara jew tad-dixxendent li bi ħsara tiegħu jew tagħha jkun sar ir-reat, u, għat-tutur, it-tneħħija tiegħu mit-tutela u l-interdizzjoni perpetwa mill-eżerċizzju ta' kull kariga oħra ta' tutur.".

Emenda ta' l-artikolu 200 tal-liġi prinċipali.

**4.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 200 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "wara li jisraq tifla, jiżżewwiġha," għandhom jidħlu l-kliem "wara li jisraq persuna, jiżżewweġ lil dik il-persuna,".

Emenda ta' l-artikolu 203 tal-liġi prinċipali.

**5.** L-artikolu 203 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "sentejn" kull fejn din tinsab għandhom jidħlu l-kliem "tliet snin";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tas-subartikolu (5)" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (4)"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "tas-setgħa ta' missier" fil-paragrafu (b) tat-tieni proviso, għandhom jidħlu l-kliem "tas-setgħa ta' ġenitur".

Emenda ta' l-artikolu 204 tal-liġi prinċipali.

**6.** L-artikolu 204 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tal-proviso li hemm mas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mir-raġel jew mit-tutur tal-persuna minuri," għandhom jidħlu l-kliem "mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur tal-persuna minuri,"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "tas-subartikolu (4) u (5)" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (4)"; u

(ii) minflok il-kliem "mir-raġel," għandhom jidħlu l-kliem "mir-raġel jew mill-mara,".

7. Minflok l-artikolu 205 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 205 tal-liġi prinċipali.

"Min iġiegħel jew iħajjar għall-prostituzzjoni persuna ta' l-età.

205. Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iġiegħel bil-vjolenza, jew iħajjar b'qerq, persuna ta' l-età, għall-prostituzzjoni, jekk il-fatt ma jkunx jikkostitwixxi delitt akbar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn sena sa erba' snin, jekk id-delitt isir —

(a) b'abbuż ta' awtorità, ta' fiduċja jew ta' relazzjonijiet familjari; inkella

(b) bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ.".

8. Fl-artikolu 240 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "Jekk mara li tiled tarbija," għandhom jidħlu l-kliem "Jekk persuna li minnufih wara t-twelid ta' tarbija,". Emenda ta' l-artikolu 240 tal-liġi prinċipali.

9. Minflok l-artikolu 352 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 352 tal-liġi prinċipali.

"Dmir tal-Pulizija Esekuttiva li tgħarraf lill-persuni suġġetti għall-arrest.

352. L-uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva li jarresta jew jagħmel xi perkwiżizzjoni għandu jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest jew għall-perkwiżizzjoni, meta tkun hemm,bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwiżizzjoni, kemm-il darba ma jkunx qabadha fil-fatt.".

10. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 359 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "u l-isem tal-persuna li" għandhom jidħlu l-kliem "u l-isem tal-persuna, jekk ikun magħruf, li". Emenda ta' l-artikolu 359 tal-liġi prinċipali.

11. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 391 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 391 tal-liġi prinċipali.

"Eżami tax-xhieda.

(1) Ix-xhieda jiġu eżaminati mill-qorti. L-isem u l-kunjom tax-xhud, isem missieru u, meta x-xhud ikun persuna

Kap. 258.

li għaliha japplika l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, in-numru, jekk ix-xhud ikun jafu, tal-karta ta' l-identità tiegħu maħruġa taħt l-imsemmi Att, kif ukoll il-lok tat-twelid u ta' fejn joqgħod ix-xhud u l-ilsien li bih jagħti x-xiehda tiegħu, għandhom jitniżżlu fil-bidu nett ta' kull xiehda:

Iżda l-qorti tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali u sabiex tipprovdi għas-sigurezza tax-xhud, tħalli barra l-partikolaritajiet ta' hawn fuq, ħlief għall-isem u l-kunjom tax-xhud u l-ilsien li bih jagħti x-xiehda tiegħu, u tagħmel nota f'dan is-sens fl-atti tal-kawża.".

Emenda ta' l-artikolu 392 tal-liġi prinċipali.

**12.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 392 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "l-isem ta' missieru" għandhom jidħlu l-kliem "l-isem u l-kunjom ta' missieru"; u

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 516 tal-liġi prinċipali.

**13.** Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 516 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(3) Għandu jkun hemm Bord li jkun magħmul mill-Prim Imħallef, minn imħallef nominat mill-President ta' Malta minn fost l-imħallfin li ordinarjament joqogħdu fil-Qorti Kriminali, mill-Avukat Ġenerali, minn Maġistrat nominat mill-Ministru tal-Ġustizzja, u mill-president tal-Kamra ta' l-Avukati b'setgħa li jagħmlu regoli msejħin Regoli tal-Qorti għal kull wieħed mill-iskopijiet imsemmija fl-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, safejn applikabbli, billi r-riferenza għal dak il-kodiċi f'dak l-artikolu tkun tiftiehem bħala riferenza għal dan il-kodiċi:

Kap. 12.

Iżda xejn f'dawn ir-regoli m'għandu jkun inkompatibbli jew kuntrarju għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi jew ta' liġijiet oħra.

(4) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost l-għadd tal-membri tiegħu iżda m'għandux jaġixxi jekk għall-inqas il-Prim Imħallef u żewġ membri oħra ma jkunux preżenti.

(5) Ir-regoli magħmula mill-Bord huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-President ta' Malta u għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.".

Emenda ta' l-artikolu 518 tal-liġi prinċipali.

**14.** Fl-artikolu 518 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ħlief lill-partijiet fil-kawża" għandhom jidħlu l-kliem "ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża".

Emenda ta' l-artikolu 530 tal-liġi prinċipali.

**15.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 530 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (a) tal-proviso tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) ta' xhud ta' età żgħira li, jekk jitqiegħed fil-post tax-xhieda, jista', bil-mistħija jew xort'oħra, jinfixel jew jaqbdu l-biża' waqt li jkun qed jixhed u b'hekk ikun ta' ħsara għall-finijiet tal-ġustizzja;";

(b) minflok il-kliem "età jew mard," fil-paragrafu (b) tal-proviso tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "xjuħija, mard jew kondizzjoni fiżika,".

**16.** Minflok l-artikolu 532 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 532 tal-liġi prinċipali.

"Setgħa tal-qorti li tirregola t-tmexxija tal-kawża, eċċ.

532. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5) ta' l-artikolu 516, il-qorti għandha s-setgħa li tagħti ordnijiet sabiex ix-xogħol jitmexxa sewwa u bla dewmien, u biex jiġi mħares u miżmum il-bon-ordni tas-seduti tagħha, basta li f'dawn l-ordnijiet ma jkun hemm xejn kuntrarju għal-liġi.".

**17.** Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 604 tal-liġi prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 604 tal-liġi prinċipali.

"(3) Persuna li tkun qed tieħu ħsieb ta' familja jew ta' persuna li tkun tbati minn xi mard fiżiku jew mentali hi wkoll meħlusa milli sservi ta' ġurat.".

**18.** L-artikolu 605 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 605 tal-liġi prinċipali.

(a) il-proviso li hemm għas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) is-subartikolu (14) tiegħu għandu jitħassar.

**19.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta'l-artikolu 607 tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin: Emenda ta' l-artikolu 607 tal-liġi prinċipali.

"(6) Fil-każ ta' persuna msemmija fl-artikolu 604, talba biex din ma sservix ta' ġurat tista' ssir permezz ta' ittra indirizzata lir-reġistratur, u dik l-ittra għandha titqies bħala rikors għall-finijiet kollha ta' dan l-artikolu.

(7) Qabel ma teħles persuna milli sservi ta' ġurat kif provdut fis-subartikoli (2) u (5) ta' dan l-artikolu u fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 611, il-qorti tista' titlob li tisma' lill-persuna li titlob dak il-ħelsien bil-ġurament".

**20.** (1) Mhux aktar tard minn tletin ġurnata mill-bidu fis-seħħ taż-żewġ artikoli immedjatament qabel dan, il-Kummissarju tal-Pulizija, żewġ maġistrati u r-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandhom jagħmlu listi ġodda ta' ġurati, ġurati speċjali u primi ġurati kif provdut fl-artikolu 605 tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat b'dan l-Att, u d-dispożizzjonijiet kollha ta' dak l-artikolu jkunu japplikaw, *mutatis mutandis,* għal-listi ġodda, b'dan illi l-pubblikazzjoni tal-listi kif provdut fis-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu għandha ssir kemm jista' jkun malajr wara li l-listi jkunu saru, u l-pubblikazzjoni tal-listi ikkoreġuti msemmija fis-subartikolu (9) u li normalment issir fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Novembru għandha ssir mhux aktar tard minn xahrejn mill-ewwel pubblikazzjoni tal-listi. Dispożizzjonijiet transitorji.

(2) Il-listi ġodda ta' ġurati, ġurati speċjali u primi ġurati magħmula u ppubblikati kif hawn aktar 'l fuq intqal għandhom jissostitwixxu l-listi eżistenti sa dak iż-żmien li listi jerġgħu jiġu magħmula u ppubblikati kif provdut fl-artikolu 605 ta' l-imsemmi kodiċi.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 224 ta' l-1 ta' Frar, 1994.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*